MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2007

Numru. 104/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**David Falzon bin Michael Angelo u Frances nee' Cassar,**
**imwieled fl-24 ta' Gunju, 1981 u residenti Koala Blue, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 360296(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra l-hawn fuq imsemmi David Falzon li gie akkuzat talli nhar it-16 ta' Lulju, 2006, ghal habta ta' 02:45hrs waqt li kien fl-inhawi ta' Hondoq ir-Rummien il-Qala, Ghawdex:-

1. kellu fil-pussess jew kontrol tieghu u garr senter tal-marka Benelli bin-numru M334364 u munizzjon minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi kellu fil-kustodja tieghu u garr arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dana bi ksur ta’ l-artikolu 3(1A) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi mill-provi jirrizulta illi l-imputat fil-fatt ghandu licenzja sabiex igorr arma tan-nar u kwindi ma jistax jinghad illi l-imputazzjoni kif dedotta tirrizulta ppruvata. Semmai l-akkuza kellha tkun xort’ohra u cioe’ dik prevista fl-artikolu 16 ta’ l-Att;

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost u wara li rat l-artikolu 3 (1A) u 16 tal-Kap 66;

Il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat David Falzon mill-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------